MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 71/2011

**Peter sive Rino Muscat Scerri**
**I.D. 266035M**
**Carmel sive Charles Zerafa I.D. 755456M**
**Albert Attard I.D. 655153M**
**Roland Darmanin Kissaun I.D. 431942M, Henry Attard I.D. 682951M**
**Robert Cauchi I.D. 43870M**
**Shaun Arrigo I.D. 171267M**
**Emanuel Micallef I.D. 125166M**
**Joseph Casha I.D. 283454M**
**John Dalli I.D. 84446M**
**Christopher J. Pace I.D. 543765M**
**Geoff Fosberry I.D. 17285A**
**George Smith I.D. 706567364(UK)**
**Mark Darmanin Kissaun I.D. 115971M, Smyth Dunbar**
**Trevor Sullivan I.D. 562157M**
**Paul Gauci I.D. 174454M**
**Paul Cremona I.D. 176361M**
**Silvio Farrugia I.D. 477464M**
**Gordon Mizzi I.D. 824447M**

***kontra***

**L-Avukat Generali ;**
**L-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta u b`digriet tat-12 ta` Jannar 2012 "l-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta" trid tinqara "l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta" ;**
**Il-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors prezentat fit-3 ta\` Novembru 2011 li jaqra hekk –

*1. Illi r-rikorrenti huma s-sidien ta\` numru ta\` yachts li jorbtu f\`Ta\` Xbiex Yacht Marina, Ta\` Xbiex.*

*2. Illi huma kienu inghataw kirja / koncessjoni sabiex jorbtu l-yachts taghhom versu berthing fee ragjonevoli u fissa pagabbli fis-sena. Huma ilhom jorbtu l-yachts taghhom fl-istess yacht marina ghal ghexieren ta\` snin.*

*3. Illi l-atturi gew avvicinati mill-Awtorita\` intimata fejn huma gew infurmati illi in vista tal-Avviz Legali 103 tal-2011, Yachting Centres Regulations 2011, huma ghandhom jiffirmaw kuntratt ma\` Trasport Malta liema kuntratt gie anness mal-istess ittra.*

*4. Illi l-implikazzjoni kienet li jekk ma jiffirmawx il-kuntratt huma jigu mgieghla jnehhu l-yachts taghhom mill-yacht marina in kwistjoni bi pregudizzju rreparabbli ghalihom.*

*5. Illi permezz ta\` dan il-kuntratt pero\` r-rikorrenti ser jitqieghdu f\`pozizzjoni ferm zvantaggjata milli kienu sa llum. Fost affarijiet ohra l-kuntratt huwa ghal sena, il-berthing fees ser jizdiedu sproporzjonatament skond l-iskeda annessa mal-istess kuntratt. Imbaghad skond klawsola 4.2 tal-kuntratt l-awtorita\` intimata qed tirriserva favur taghha li tgholli l-berthing fees skond kif jidhrilha.*

*6. Illi kif jirrizulta mill-ircevuti li kopja taghhom qed tigi esebita bhala Dok. A, originarjament ir-rikorrenti jew l-aventi kawza taghhom kienu ffirmaw kuntratt ta\` kirja jew koncessjoni mal-Gvern sabiex jutilizzaw il-Marina in kwistjoni liema kuntratt, kif jirrizulta mill-istess ircevuti, kien wiehed ta\` natura permanenti. Fil-fatt fl-ircevuti hawn fuq imsemmija hemm indikat il-kliem "contract : permanent".*

*7. Illi dan kollu jilledi d-dritt fundamenti tar-rikorrenti bi ksur tal-Ewwel artiklu tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-*

*Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu tal-Konvenzjoni jghid is-segwenti :*

*"Every natural or legal person is entitled to the peaceful enjoyment of his possessions. No one shall be deprived of his possessions except in the public interest and subject to the conditions provided for by law and by the general principles of international law."*

*8. Illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jghid is-segwenti :*

*"37(1) Ebda proprjeta` ta` kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b`mod obbligatorju, u ebda interess fi jew dritt fuq proprjeta` ta` kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b`mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta` ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta` pussess jew akkwist –*

*(a) ghall-hlas ta` kumpens xieraq ;*

*(b) li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta` access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b`ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta` u l-ammont ta` kull kumpens li ghalih tista` tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta` dak il-kumpens ; u*

*(c) li tizgura lil kull parti fi proceduri f`dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bhal dik dritt ta` appell mid-deizjoni taghha lill-Qorti tal-Appell f`Malta."*

*8. Illi d-drittijiet tal-atturi ta` kirja / koncessjoni permanenti sabiex jorbtu l-yachts taghhom ma` Ta` Xbiex Yacht Marina ghandhom jitqiesu bhala "beni" ai fini tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*9. Illi in effetti fis-sentenza 'Buxom Poultry Limited (C-2388) vs Kummissarju tal-Artijiet; u Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali' deciza mill-Prim`Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta` Dicembru 2010 (Rikors Numru 44/2010) intqal hekk :*

*"L-interpretazzjoni li taghti l-Qorti Ewropea ta` x`jikkonsistu 'beni' jew 'possedimenti' ai fini ta` dan l-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropea hija wiesgha u l-istess Qorti gieli tirreferi ghat-test Franciz, fejn it-terminu 'possedimenti' jigi tradott f`'biebs'. Il-kelma hekk tradotta tista` tigi nterpretata b`mod aktar wiesgha. Inoltre, fil-kawza Djidrovski v. The Former Yugoslav Republic of Macedonia, 'A "possession" within the meaning of the the above provision maybe either an "existing possession" or a claim, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right (see the Pine Valley Developments v. Ireland*

*judgement of 29 November 1991, Series A no. 222, p. 23 § 51). The "legitimate expectation" may also encompass the conditions attaching to the acquisition or enjoyment of property rights'.*

*Illi ghalhekk il-beni li jistghu jigu posseduti mhumiex biss dawk l-affarijiet li jistghu jigu posseduti ai termini tal-ligi nazzjonali. Il-kuncett ta` beni jista` jigi estiz ghal dawk l-affarijiet kollha li ghandhom valur ekonomiku. Il-Qorti Ewropea, ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li, per ezempju, il-"goodwill" ta` intrapriza, licenzja kummercjali biex tbiegh xorb alkoholiku, fost ohrajn, huma kollha beni ai fini ta` dan l-artikolu in kwistjoni. Il-Qorti tghid ukoll li 'legal claims' jistghu jigu nterpretati bhala beni ai fini ta` dan l-artikolu (vide ukoll Teteriny v. Russia deciza 30/09/05)."*

*10. Illi l-agir in kwistjoni jmur kontra l-principji ta` "legitimate expectation" u dritt kwezit (jew "vested rights") u jilledi d-dritt fundamenti tar-rikorrenti hawn fuq imsemmi.*

*11. Illi l-principju ta` dritt kwezit kien gie propost minn Lassalle li jittratta dwar l-invjolabilita` tad-drittijiet akkwiziti (vested rights). Skond din it-teorija, il-ligi ghandha tircievi applikazzjoni shiha mhux biss ghall-kazijiet godda imma anki ghall-kazijiet li jipprecedu l-promulgazzjoni ta` dik il-ligi, basta, izda, ma jigux mittiefsa d-drittijiet gia' akkwiziti taht il-ligi l-antika ;*

*Din it-teorija tibbaza d-dottrina taghha fuq dawn il-premessi :*

*(a) tkun ingustizzja li tigi tilledi dritt gia' akkwizit ghax jekk taghmel dan tkun qed tiddepriva persuna mid-drittijiet tieghu u tkun qed tghaddi dawk id-drittijiet li huwa kellu u gawda lil haddiehor ;*

*(b) ma jkunx fl-interess tas-socjeta` in generali li l-ligi stess tkisser id-drittijiet gia' akkwiziti ghax inkella tkun qed tnehhi l-incentiv individwali u l-entrapreneurship tal-individwu li maghha ggib il-prosperita` fis-socjeta`;*

*Gabba, fil-ktieb tieghu Della Retroattiva` Delle Legge (Volum 1, pagna 191) jiddefinixxi dritt akwizit bhala –*

*" ... that acquired by a person by reason of a fact which according to the law existing at the time that fact took place, was capable of calling into being that right which according to that same law had come to form part of the property of that person ..." ;*

*Din id-definizzjoni tikkontjeni tlett ingredjenti :*

*(a) l-ezistenza ta` ligi antika li kienet tippermetti ghal metodu partikolari li permezz tieghu seta` jinkiseb dritt ;*

*(b) l-att li permezz tieghu fil-ligi antika seta` jigi akwizit dak id-dritt ;*

*(c) li dak id-dritt kien sar jifforma parti mill-proprjeta` ta` persuna.*

*12. Illi anke fil-ligi Ingliza nsibu referenza ghall-principju ta` "legitimate expectation" fejn japplika l-principju ta` fairness u reasonableness ghal sitwazzjoni fejn persuni ghandhom aspettattiva jew interess illi awtorita` pubblika zzomm fis-sehh prattika kostanti.*

*13. Illi ghal kull buon fini jinghad illi Avviz Legali 103 tal-2011, Yachting Centres Regulations 2011 bl-ebda mod ma jawtorizza lill-awtorita` intimata milli tikkalpesta drittijiet ta` terzi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha :*

*1. Tiddikjara illi l-intimati jew min minnhom, meta unilateralment qed jabbrogaw drittijiet inerenti gawduti mir-rikorrenti kif fuq spjegat jincidi d-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali taghhom kif sanciti fl-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.*

*2. Taghti dawk ir-rimedji kollha mehtiega u necessarji fil-konfront tar-rikorrenti sabiex jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali taghhom.*

*3. Finalment taghti provvediment ad interim b`mod urgenti fis-sens illi l-awtorita` intimata tigi inibita milli tizgombra jew b`xi mod tinterferixxi mad-drittijiet u servizzi attwali illi qed igawdu l-atturi li jorbtu l-yachts taghhom f`Ta` Xbiex Yacht Marina, Ta` Xbiex.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotorju.

Rat ir-risposta li l-Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta pprezentat fl-<u>4 ta` Jannar 2012</u> li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-Awtorita` esponenti tirrileva illi isimha ai termini tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta` Malta huwa l-"Awtorita` Ghat-Trasport*

*f`Malta" u mhux "l-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta" u ghalhekk jehtieg illi ssir il-korrezzjoni opportuna.*

*2. Illi preliminarjament ukoll, il-kuntratt dwar facilitajiet ta` rmigg li skont ir-rikorrenti jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali taghhom kien gie emendat sostanzjalment wara diskussjonijiet bejn l-Awtorita` esponenti u l-istess rikorrenti fil-kuntest ta` mandat ta` inibizzjoni pprezentat mir-rikorrenti f`April 2011 (Rino Muscat Scerri et v Transport Malta, 514/11JA).*

*Illi tant hu hekk illi l-proceduri tal-mandat in kwistjoni kienu gew irtirati wara illi l-konsulenti legali fil-prezenza tal-partijiet minnhom rapprezentati ddikjaraw quddiem il-Prim`Awla tal-Qorti Civili illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet.*

*Illi ghalhekk il-ftehim attakkat gie accettat mir-rikorrenti, wara emendi sostanzjali suggeriti mill-konsulenti legali taghhom. Huwa ghalhekk inkomprensibbli kif ir-rikorrenti jistghu issa jsostnu illi l-ftehim jilledi d-drittijiet taghhom.*

*Illi ghalhekk biss dawn il-proceduri huma bl-akbar rispett frivoli u vessatorji.*

*Ghal kull buon fini, kopja tal-atti tal-mandat in kwistjoni qed jigu annessi bhala Dok TM1.*

*3. Illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghar-ragunijiet segwenti :*

*3.1 Illi fl-ewwel lok, ir-rikors huwa msejjes fuq premessi zbaljati stante illi mhuwiex minnu illi r-rikorrenti kienu qatt igawdu "kuntratt ta` kirja" jew "koncessjoni" illi tippermettilhom jirmiggjaw id-dghajjes taghhom fil-Marina "fuq bazi permanenti".*

*Illi f`dan ir-rigward, kif ser jigi muri fit-trattazzjoni tal-kawza, l-unici drittijiet li kellhom ir-rikorrenti kien illi huma jgawdu facilita` ta` rmigg fil-marinas gestiti mill-Awtorita` limitatament ghall-perjodu massimu ta` sena li jhallsu ghalih bil-quddiem. Dan id-dritt jista` jigi mxebbah ma` dak ta` uzu ta` 'unspecified parking space' fis-sens illi, limitatament ghal perjodu mhallas bil-quddiem, ir-rikorrenti ikollhom il-facilita` li jorbtu fil-marina gestita mill-Awtorita` pero` mhux necessarjament fl-istess berth. Dan skont ir-Regolamenti dwar ic-Centri tal-Yachting (A.L. 71 tal-1992 kif emendat) u kif rikonoxxut u stabbilit mill-Qrati nostrani inter alia fis-sentenzi Emmanuel Gatt et v Awtorita` Marittima ta` Malta (Prim`Awla, 7 ta` Lulju 2004, kopja annessa bhala TM2] u White Wave Company Limited v. Awtorita` Marittima ta` Malta [Prim`Awla, 2 ta` Dicembru, 2004, kopja annessa bhala TM3].*

*3.2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dritt illi r-rikorrenti seta` kellhom ma jikkwalifikax bhala "proprjeta`" jew "possediment" fit-termini tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Ewwel Artiklu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*3.3 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma kien hemm l-ebda ksur tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni stante li bl-ebda tigbid ta` immaginazzjoni ma jista` jinghad li l-Awtorita` wettqet xi tehid forzuz ta` proprjeta` ;*

*3.4 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita` dejjem agixxiet skont il-ligi u fi twettiq tal-obbligi u l-funzjonijiet legali taghha ai termini :*

*tal-Kap 499 tal-Ligijiet ta` Malta, li fost l-ohrajn jistipula illi Awtorita` ghandha tirregola, tikkontrolla, tizviluppa u tmexxi 'l quddiem centri tal-jottijiet ;*

*tal-Avviz Legali 103 tal-2011 (Regolamenti dwar ic-Centri ta` Yachting) li jistipula li kull operatur ta` marina ghandu jippubblika regolamenti u tariffi li japplikaw f`dik il-marina partikolari.*

*4. Illi a skans ta` ripetizzjoni, l-esponenti tirreferi ghar-risposta taghha fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni fejn il-punti fuq imressqa gew trattati f`aktar dettall.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti ma` din ir-risposta.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u ta` l-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni prezentata fis-6 ta` Jannar 2012 li taqra hekk –

*1. Illi preliminarjament, l-esponent Ministru ntimat gie mharrek hazin, stante li f`tahrika bhal din, ai termini tal-Artikolu 181B(i), huwa biss il-Kap tad-Dipartiment jew l-entita` responsabbli, f`dan il-kaz l-Awtorita` dwar it-Trasport f`Malta, li ghandu jigi mharrek, u mhux il-Ministru.*

*2. Illi wkoll preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrenti quddiem din l-Onorabbli Qorti mhijiex proponibbli stante illi huma kellhom rimedju ordinarju konsistenti f`azzjoni amministrattiva sabiex jattakkaw id-decizjoni tal-Awtorita` intimata li titlobhom jintrabtu bil-kuntratt propost lilhom f`April ta` din is-sena minflok jibqghu jgawdu l-koncessjoni li kellhom qabel sabiex jorbtu fil-marina.*

*Din l-azzjoni kienet disponibbli ghalihom taht l-Artikolu 469A(1) u b`mod partikolari s-subincizi (b), (c) u (d) tal-imsemmi artikolu.*

*3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, jidher illi r-rikorrenti fil-fatt diga` ffirmaw il-kuntratt propost lilhom. Jekk dan huwa l-kaz, allura din l-azzjoni hija mproponibbli stante illi r-rikorrenti bl-agir taghhom stess urew illi qeghdin jakkonsentixxu ghal tali kuntratt u ma jistghux issa jreggghu lura l-kunsens li taw permezz tal-firma taghhom.*

*4. Illi inoltre u dejjem bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ma sofrew ebda ksur tal-Konvenzjoni u/jew il-Kostituzzjoni, u ghaldaqstant l-ebda wahda mit-talbiet taghhom ma tista` tintlaqa`.*

*5. Illi l-ftehim li r-rikorrenti ghandhom mal-Awtorita` huwa biss ftehim illi jaghti lir-rikorrenti d-dritt li jorbtu d-dghajjes taghhom fil-Marina ghal perjodu ta` sena. Wara li tiskadi s-sena, il-partijiet iridu jaqblu li jgeddu l-ftehim billi min-naha tar-rikorrenti joffru l-ammont ta` flus miftiehem u dan jigi accettat min-naha tal-Awtorita`. Izda tali ftehim huwa biss validu ghal sena, u jista` ma jigix imgedded jekk mhux bi qbil taz-zewg partijiet, u dan anki skond gurisprudenza kostanti. [Vide inter alia Gatt et vs Awtorita` Marittima ta` Malta (P.A. 07/07/2004) u White Wave Company Limited vs Awtorita` Marittima ta` Malta (P.A. 02/12/2004).*

*6. Illi r-rikorrenti jaghmlu referenza ghas-sentenza li nghatat f`Buxom Poultry Ltd vs Kummissarju tal-Artijiet et. Izda sa fejn jistghu jinnotaw l-esponenti, il-parti kkwotata minnu, aktarx bi zvista, ma tiffurmax parti minn dak li osservat il-Qorti izda tifforma parti mir-rikors promotur tas-socjeta` Buxom Poultry Limited, liema rikors gie riprodott fl-intier tieghu fis-sentenza tal-Qorti.*

*7. Illi inoltre ma hemm ebda dritt kwezit li s-socjeta` rikorrenti tista` tivvanta. Dak li ghandhom ir-rikorrenti m`huwiex dritt fuq il-proprjeta` izda jedd cirkoskritt bi ftehim mal-Awtorita` intimata, u bl-ebda mod ma jista` jinghad li d-dritt in kwistjoni 'had come to form part of the property' tal-istess rikorrenti. [Vide CASE OF MARCKX V. BELGIUM Application number 00006833/74 wherein is stated that : "The Court in fact excludes Article 1 of Protocol No. 1 (P1-1) : like the Commission and the Government, it notes that this Article (P1-1) does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions, that consequently it applies only to a person`s existing possessions and that it does not guarantee the right to acquire possessions whether on intestacy or through voluntary dispositions."]*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrespingi t-talbiet kontenuti fir-rikors odjern, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012 fejn *inter alia* wara li r-rikorrenti talbu korrezzjoni fl-isem tal-Awtorita` intimata, din tal-ahhar irtirat l-ewwel eccezzjoni.

Rat ix-xiehda bl-affidavit ta` Peter Muscat Scerri, Henry Attard, George Smith, John Dalli u Roland Darmanin Kissaun, u d-dokumenti li kienu esebiti ma` dik ix-xiehda.

Semghet ix-xiehda ta` Dr Robert Vassallo u tal-Kaptan David Bugeja fl-udjenza tat-12 ta` Gunju 2012 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-udjenza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-31 ta` Jannar 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. Provi**

Ir-rikorrent **Peter Muscat Scerri** xehed illi kien ilu jorbot il-yacht tieghu bl-isem ta` '*Onir*' fil-*Yacht Marina* Ta` Xbiex ghal aktar minn 24 sena. Qabel kien jorbot l-Imsida. Fl-1974 applika ghal *berth* mal-awtorita li kienet tmexxi l-Msida *Yacht Marina.* Kien inghata *berth* u kien gie infurmat li din kienet ser tkun dejjem tieghu. Ghalhekk ghamel l-irmigg kollu a spejjez tieghu. Madwar 24 sena ilu, l-Awtorita` Marittima ta` Malta kienu nfurmawh li xtaqu li huwa jibda jorbot fil-*Yacht Marina* ta` Ta` Xbiex minflok l-Msida. Wara li tkellem ma` John Farrugia, huwa kien accetta bil-kundizzjoni li l-ftehim ikun wiehed permanenti bhalma kien il-ftehim dwar il-*berth* ta` l-Imsida. Huwa kien mwieghed li l-*berth* kienet ser tibqa` tieghu b`mod permanenti minkejja li go Ta` Xbiex kienu jidhlu dghajjes kbar. Huwa beda jhallas id-dritt dovut u fuq kull ricevuta li kien jinghata dejjem kien hemm il-kliem "Contract Type : Permanent". Dan l-ahhar ma baqghetx tinkiteb il-kelma "Permanent" u bdiet

tinkiteb il-kelma "Temporary". In segwitu rcieva ittra minghand l-Awtorita` intimata. Maghha kien hemm kuntratt. Huwa kien infurmat illi kellu jiffirma dak il-kuntratt. Fil-kuntratt kien hemm kondizzjonijiet kompletament differenti milli kellu u kien ighodd ghal sena biss. Huwa ma ffirmax dak il-kuntratt.. Pero` beda jhallas 40% izjed mill-ammont li kien ihallas qabel peress li tnehha s-sussidju li kien jaghti l-Gvern. Fost l-oggezzjonijiet tieghu, kien hemm illi l-kuntratt kellu terminu ta` sena, kien hemm zieda qawwija fil-*berthing fees* minghajr l-ebda gustifikazzjoni. Huwa pprezenta r-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni li kien milqugh provvizorjament. Ir-rikors kien irtirat sabiex jintlahaq ftehim pero` ftehim baqa` ma sarx.

Ir-rikorrent **Henry Attard** xehed li mill-1987 huwa kien is-sid tad-dghajsa '*Morjan*'. Missieru kellu dghajsa bl-isem '*Barracuda*' u kien jorbot Ta` Xbiex *Yacht Marina*. In segwitu minflok bdiet tintrabat hemm id-dghajsa l-gdida. Huwa kien ilu zmien twil jorbot id-dghajsa tieghu fl-istess *berth*. Ir-ricevuta tal-hlas ghall-*berth* kienet issir f`isem missieru mbaghad bdiet issir f`ismu. Fuq ir-ricevuti kienet titnizzel il-kelma "permanent". Kien biss fi zmien ricenti li l-kelma 'permanent' tnehhiet u minflok bdiet titnizzel il-kelma 'temporary'. Huwa rcieva ittra b`kuntratt mieghu li kien mitlub jiffirma. Oggezzjona ghal li kien hemm mitkub ghaliex il-kondizzjonijiet kienu differenti milli kellu kif ukoll ghaliex il-kuntratt kellu terminu ta` sena. Huwa ma ffirmax il-kuntratt. Biss beda jhallas 40% aktar fi drittijiet ghaliex tnehha s-sussidju li kien jaghti l-Gvern.

Ir-rikorrent **George Smith** xehed illi huwa ilu jghix fuq id-dghajsa '*Happy Days'* fit-Ta` Xbiex *Yacht Marina* sa mis-sena 2000. Qabel dik is-sena, kellu dghajsa ohra bl-isem '*Ola*'. Originarjament id-dghajsa tieghu kienet tintrabat ma` *pontoon A* fl-Imsida *Yacht Marina*. Wara kien intalab jiehu *permanent berth* go Ta' Xbiex. Huwa kien accetta bil-kundizzjoni li l-*berth* tkun permanenti. Bhar-rikorrenti l-ohra li xehdu, ikkonferma li fuq l-ircevuti tal-hlas li kien jaghmel kienet titnizzel il-kelma 'permanent'. Dan l-ahhar fuq l-ircevuti beda jinkiteb 'temporary'. Meta staqsa dwar dan, qalulu li l-kambjament kien biss amministrattiv u minghajr l-ebda konsegwenzi. Bla ma kien mistenni, ircieva ittra b`kuntratt gdid li ntalab jiffirma ; ghalih kien inaccettabbli. Bhar-rikorrenti l-ohra, hallas zieda ta` 40% fuq il-mizata ta` qabel billi l-Gvern nehha s-sussidju.

Ir-rikorrent **John Dalli** xehed illi huwa jorbot il-yacht '*Sand Storm'* fil-*Yacht Marina* ta` Xbiex u kien ilu jaghmel hekk ghal madwar 16-il sena. Id-dghajsa kienet torbot mal-istess *berth* sa mill-1987 peress li dak iz-zmien id-dghajsa kienet ta` haddiehor. Bhar-rikorrenti l-ohra, xehed dwar dak li kien jinkiteb fuq ir-ricevuti, u dak li beda jinkiteb wara. Xehed ukoll dwar il-kuntratt il-gdid li ma ffirmax u dwar iz-zieda ta` 40% fil-mizata.

Ir-rikorrent **Roland Darmanin Kissaun** xehed illi huwa kellu diversi yachts u kien ilu jorbot fl-istess *berth* go Ta` Xbiex sa mill-ahhar tas-sittinijiet. Meta nbniet il-Marina tal-Msida kien suggeriet lilu biex li jmur fuq *pontoon* fil-Marina l-gdida. Hu accetta. Kemm go Ta` Xbiex u kif ukoll l-Msida meta kien ihallas tal-*berth,* huwa dejjem inghata rcevuti li kienu jghidu li huwa kien permanenti. Fil-prezent ma kellux yachts tieghu Ta` Xbiex izda id-ditta tieghu S & D Yachts tiehu hsieb yachts ta` klijenti li kienu ilhom ghal diversi snin jorbtu go *berths* go Ta` Xbiex. Matul is-snin kellu hafna klijenti li kienu jhallsu l-*berth* taghhom. Huwa kien imur ihallas il-mizata taghhom u r-ricevuti kienu dejjem ighidu "permanent". Ghal gharrieda, ir-ricevuti bdew johorgu 'temporary'. Huwa ma ffirmax il-kuntratt gdid li baghtet l-Awtorita`.

**Av. Robert Vassallo** xehed illi huwa beda l-impieg tieghu mal-Awtorita` intimata fl-2008. Ghall-ahhar tliet snin kellu l-kariga ta` *legislation compliance manager* fi hdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting. Fil-posizzjoni attwali tieghu, seta` jixhed dwar ir-Regolamenti u l-applikazzjoni taghhom. Fl-1992 kien hemm regolamenti dwar il-yachting, li kienu sostitwiti b`regolamenti godda fl-2011 li ghadhom fis-sehh sal-lum. Fir-regolamenti tal-1992, kien hemm numru ta` tariffi u r-regolamenti kienu jidhlu fid-dettal dwar kif l-Awtorita` ghandha tmexxi c-centru ta` yachting. L-Awtorita` kellha l-poteri biex tmexxi d-dghajjes. Billi bosta centri tal-yachting kienu privatizzati, ir-regolamenti tal-1992 ma baqghux rilevanti fis-sens illi l-Awtorita` ma baqghetx aktar l-operatur. Kien ghalhekk li r-regolamenti saru godda ghaliex ir-rwol tal-Awtorita` sar dak ta` regolatur u mhux aktar ta` operatur. Bhala regolatur, l-Awtorita` ghandha poteri li bihom tirregola lill-operaturi tac-centri tal-yacthing. L-Awtorita` zammet parti zghira minn dawn ic-centri u kwindi bhala operatur taghhom trid issegwi r-regolamenti l-godda.

Dr Vassallo spjega illi r-regolamenti l-godda joholqu framework ghall-operaturi kollha li jinsabu Malta. Ir-regolamenti tal-1992 kienu japplikaw ghall-Awtorita' Marittima ta` Malta li kienet dak iz-zmien kienet ir-regolatur u l-operatur fl-istess hin. Illum l-uniku centru tal-yachting li topera l-Awtorita` huwa dak tal-Gzira. Skond ir-regolamenti tal-2011, l-operatur ghandu hafna obbligi fosthom li jippubblika t-tariffa tar-rati ta' hlas ; jaghmel regoli li jridu jigu segwiti mid-dghajjes fil-marina, jaghmel kuntratti ma` l-*berth holders* u jara li jkun hemm sigurta` tad-dghajsa u tal-persuni. Fir-rigward tal-*yacht marina* mertu ta` l-kawza tal-lum, l-Awtorita` qeghda ssegwi r-regolamenti, u bhal kull operatur ta` marina stabbiliet ir-rati. Riedet ukoll taghmel ftehim individwali ma` kull *berth holder* ghal *berth* tieghu.

Fisser illi r-relazzjoni bejn ir-rikorrenti li l-Awtorita` kienet regolata bir-regolamenti tal-1992. Ma kienx hemm bzonn ta` ftehim peress li l-affarijiet li kienu inkluzi fil-ftehim kienu gia` jinsabu fil-ligi. Safejn jaf hu, ma rcieva l-ebda hlas ghall-*berths* minghand ir-rikorrenti.

Fil-**kontroezami**, Dr Vassallo kkonferma li uhud mid-dghajjes tar-rikorrenti kienu ilhom juzaw il-*berth*s sa minn qabel hargu r-regolamenti ta` l-1992. Qal illi kien nghataw *berth* mill-Awtorita`. Il-*berth holders* kellhom ihallsu mizata. Cahad li l-ftehim maghhom kien permanenti. L-Awtorita` qatt ma setghet taghti *berth* permanenti billi dawk ma kienux materji li jaqghu taht il-kompetenza taghha izda kienu jispettaw lill-Gvern. Rinfaccjat bir-ricevuti tar-rikorrenti fejn tidher il-kelma 'permanent', ix-xhud spjega li kienet tintuza din il-kelma biex issir distinzjoni mill-kelma 'seasonal'. Huwa sostna li bil-kelma 'permanent' kien qed issir referenza ghall-ghoti ta` *berth*s minn sena ghal sena, kuntrarjament ghal 'seasonal berths` li kienu jinghataw ghas-sajf biss. Kienet tithallas *berthing fee* ghal sena. Il-persuna li kellha l-*berth* ma setghetx isserrah mohhha li l-*berth* awtomatikament kien ser jerga` jkun taghha fl-ahhar tas-sena. Dan kollu kien jirrizulta mir-regolamenti. It-tigdid kien isir biss fid-diskrezzjoni ta` l-Awtorita. Il-kelma 'permanent' inbidlet qabel l-2011. Ir-ricevuti nbidlu peress li kienu qeghdin jinftehmu hazin. Illum ir-ricevuti huma differenti peress li ma ghadhomx jiddistingwu bejn annwali, temporanja, jew seasonal. L-Awtorita` ghadha tohrog l-ircevuti kif kienu jinhargu fl-2006 u baqghu ma nbidlux. Wara li tghaddi s-sena, il-persuni ma kellhomx ghalfejn imorru japplikaw, imma kellhom ihallsu l-mizata biss. Ma gharafx iwiegeb jekk qabel l-1992 kienux johorgu licenzji li huma `seasonal`. Ma setax ighid ghala l-ircevuti kienu jinhargu bhala *permanent* u kwindi kull ma xehed qabel kienet interpretazzjoni tieghu tal-avvenimenti kif sehhew. Il-Gvern ta lill-Awtorita` d-dritt li tamministra l-proprjeta` tieghu u cioe` l-uzu, amministrazzjoni u l-manutenzjoni tal-*yacht marinas.* Insista li l-Awtorita' qatt ma setghet taghti *berths* b`mod permanent. Ghalhekk l-Awtorita` mxiet skond il-poteri taghha.

**Il-Kaptan David Bugeja** xehed illi huwa c-Chief Officer tal-Ports and Yachts Directorate ta` Transport Malta. Il-kariga tieghu tinkludi r-responsabbilita` ta` *harbour master.* Bhala *harbour master,* kien ilu hames snin u Chief Officer tliet snin. Xehed illi hemm *berth*s li huma privati u jkunu operati minn *terminal operators* kif ukoll *berth*s li jaqghu taht l-immaniggjar ta` l-Awtorita` li talloka l-*berth*s skond htigijiet u esigenzi partikolari. Fil-kaz ta` *yachting centres,* fejn l-Awtorita` diga` harget koncessjoni, hija ghandha rwol ta` *operator* sakemm jigu privatizzati ; f`dak il-kaz jigu allokati permessi minn sena ghal sena. Ir-regolamenti tal-1992 kienu jippromwovu l-izvilupp ta` yachting centres f`Malta u prattikament l-Awtorita` kienet l-unika zviluppatur u operatur. Fil-prezent is-sitwazzjoni nbidlet ghax il-marinas kienu privatizzati. Il-ftit marinas li kienu ghadhom jigu amministrati mill-Awtorita` kienu qeghdin jitmexxew skond ir-regolamenti l-godda, fejn issir distinzjoni bejn l-operatur u l-Awtorita` bhala l-*competent authority.* L-Awtorita` qeghda tamministra billi taghti forma ta` permess ghal sena u ghalih titlob hlas. Bir-regolamenti l-godda, irid isir ftehim bejn l-operatur u l-klijent peress li qabel, ir-regolamenti stess kienu jispecifikaw id-dettal tat-tariffi u kundizzjonijiet. Fir-regolamenti l-godda l-ispecifikazzjonijiet iridu johorgu minn arrangament partikolari. L-Awtorita` talloka *berths* b`mod ippjanat u organizzat., b`tali mod li persuna tkun taf li ghandha *berth* ghal zmien partikolari. L-Awtorita` zzomm id-dritt li skond ic-

cirkostanzi, bastiment jew dghajsa jiccaqalqu jew jitpoggew post iehor. Fil-kontroezami, Kap Bugeja xehed illi huwa ma kienx jaf kif kienet tithaddem is-sistema qabel l-1992 billi dak iz-zmien ma kienx impjegat tal-Awtorita`.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` ntimata</u>**

B`digriet tal-12 ta` Jannar 2012, kien korrett l-isem tal-Awtorita` intimata. L-Awtorita` ghalhekk irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha fl-udjenza tat-12 ta` Jannar 2012. Il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta` din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni</u>**

**<u>L-Art 181B tal-Kap 12</u>** jaqra hekk –

*(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni :*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu :*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General ;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni ;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal- Kuntratti.*

*(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat Ġenerali u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew*

*intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat Ġenerali. In-notifika lill-Avukat Ġenerali ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

Tenut kont tan-natura tal-kawza tal-lum, il-Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjoni mhuwiex il-legittimu kontradittur ghaliex il-persuna kompetenti sabiex twiegeb ghall-istanza kif dedotta hija l-Awtorita` intimata. Jekk ir-rikorrenti qeghdin jinsistu li mhux biss l-Awtorita` tkun intimata fil-kawza izda anke l-Gvern ghax dan jaghti d-direzzjoni ta` "policy" lill-Awtorita` allura ghandu jkun l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern ghaliex fil-kaz tal-lum ma hemmx kap ta` dipartiment li jista` jwiegeb ghall-istanza tar-rikorrenti. Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni u qeghda tillibera lill-Ministru koncernat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>It-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Komunikazzjoni</u>**

Fit-tieni eccezzjoni qieghed jinghad li r-rikorrenti kellhom rimedju **<u>ordinarju</u>** tal-istharrig gudizzjarju tal-azzjoni amministrattiva li hadet l-Awtorita` intimata fil-konfront taghhom skond l-Art 469A tal-Kap 12. Hekk irrilevat ukoll l-Awtorita` intimata fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha. Fin-noti taghhom, l-intimati jsostnu illi bil-fatt illi r-rikorrenti kienu pprecedew dan il-procediment bit-talba ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni kienu qeghdin jirrikonoxxu li l-pretensjonijiet taghhom setghu jigu ndirizzati, trattati u decizi mill-qrati ta` gurisdizzjoni ordinarja. Bil-fatt illi rtiraw it-talba taghhom ghall-hrug tal-mandat u bil-fatt illi baqghu ma pprezentaw azzjoni fil-qrati ordinarji, ifisser li ghazlu li ma jezercitawx ir-rimedju ordinarju li kellhom u kwindi ma jistghux issa jmorru ghal dan il-procediment kostituzzjonali li min-natura tieghu huwa eccezzjonali.

Fis-sentenza taghha ta` l-14 ta` Mejju 2004 fil-kawza **"<u>David Axiaq vs L-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku</u>"**, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*"Ghalkemm huwa minnu li l-Prim Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha ("...tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel...") li tiddeklina li tezercita s-setghat taghha taht is-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll taht l-artikolu korrispondenti fil-Kap. 319, tali setgha ghandha dejjem tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn ikun jidher li hemm jew jista' jkun hemm kaz serju ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali, l-individwu ma jigix privat mir-rimedju kostituzzjonali (jew taht il-Kap. 319) meta jkun jidher li r-rimedji ohra li hemm jew li kien hemm ma jkunux adegwati fic-cirkostanzi tal-*

*kaz. Fil-kaz in dizamina hu evidenti li l-qofol tal-vertenza kollha johrog mill-fatt li hemm policy (mhux ligi) li l-pleasure boats licenzjati ghad-Dwejra ta' Ghawdex ikunu tmienja biss. Bhala fatt din il-policy tillimita n-numru ta' dghajjes li jigu licenzjati biex jahdmu f'dak il-lokal, u fil-kaz ta' l-appellant din il-policy kienet ir-raguni wahdanija u vera ghala l-licenzja tieghu ghas-sena 1997 ma gietx imgedda. Issa, ma hemmx dubbju li awtorita` amministrattiva – anke awtorita` li ghandha s-setgha li tohrog licenzji – jista' jkollha policy li tillimita n-numru ta' licenzji li johorgu, basta li dik id-decizjoni (ghax policy hi effettivament decizjoni) ma tkunx tikkozza ma` xi haga li hemm fil-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Biex policy ma tkunx "mod iehor kontra l-ligi" (Art. 469A(1)(b)(iv), Kap. 12) dik il-policy trid tkun ukoll tali li fit-thaddim taghha fil-kaz partikolari ma tkunx tammonta ghal vjolazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li l-appellant, allura rikorrent, ma kienx qed ifittex li jwaqqa' l-policy in kwistjoni minhabba li din tmur kontra, inter alia, il-Konvenzjoni. Huwa evidenti mill-bran segwenti, mehud verbatim mir-rikors promotorju, li l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kien effettivament qed jallega li l-applikazzjoni ta' din il-policy – jekk hux direttament jew minhabba l-intervent ta' l-Ombudsman hu rrelevanti – ghall-kaz tieghu u cioe` biex ma tigix imgedda licenzja validament mahruga kienet tammonta ghal vjolazzjoni inter alia kemm ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll (in kwantu qed jigi mfixkel fit-tgawdija pacifika tal-"possedimenti" tieghu) kif ukoll ta' l-Artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni (in kwantu qed issir distinzjoni fuq bazi mhux oggettiva u ragjonevoli) :*

*"Illi inoltre, fil-waqt li l-Awtorita` qieghda tirrifjuta li ggedded il-permess ta' l-esponent, fl-istess hin qeghda ggedded il-permessi ta' persuni ohra li ghandhom licenzja biex joperaw passage boat fid-Dwejra u f'postijiet ohra fil-Gzejjer Maltin, u tohrog permessi godda biex persuni ikunu jistghu joperaw passage boats fil-Gzejjer Maltin. Din l-ghazla qieghda ssir minghajr ebda gustifikazzjoni razzjonali, tikkostitwixxi diskriminazzjoni arbitrarja kontra l-esponent fit-termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fit-tgawdija tad-drittijiet fundamentali tieghu, fosthom id-dritt ghall-proprjeta`, id-dritt ghax-xoghol u d-dritt ghal smiegh xieraq."*

*Pero` jista' jinghad li r-rimedju talvolta disponibbli wara kawza ghal stharrig gudizzjarju fil-kaz in dizamina seta' jkun wiehed xieraq, cioe` wiehed effettiv ? Kif inhu risaput, f'kawza ghal stharrig gudizzjarju r-rimedji li tista' taghti l-Qorti huma limitati hafna – anke d-danni li jistghu jinghataw huma limitati b'dak li jiddisponi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 469A. Il-Qorti f'kawza ghal stharrig gudizzjarju ma tistax tissostitwixxi ruhha ghall-awtorita` li tkun u, per ezempju, tordna li tinhareg il-licenzja li tkun giet rifjutata mill-awtorita` kompetenti. F'kawza bhal dik odjerna, invece, ma hemm xejn xi jzomm lill-Prim Awla, fil-kompetenza Kostituzzjonali u/jew "Konvenzjonali" taghha, li tordna li tinhareg il-licenzja jekk, per ezempju, jirrizulta li l-licenzja li kienet inharget lill-appellant kienet tammonta ghal "possediment" u li fir-rifjut tat-tigdid u/jew fl-applikazzjoni tal-policy tal-closed shop ma jkunx hemm bilanc gust bejn l-interessi ta' Axiaq u dawk tal-komunita` in generali. Ghalhekk biss – u cioe`*

*apparti konsiderazzjonijiet ohra li jissemmew fir-rikors ta' appell li pero` din il-Qorti tara li ma hemmx ghalfejn tidhol fihom – din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-fehma ta' l-Ewwel Qorti li l-appellant kellu mezz xieraq ta' rimedju taht xi ligi ohra."*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**Mediterranean Film Studios Limited v. Il-Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et**", il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*" …Tajjeb li wiehed jirribadixxi r-raison d'etre taz-zewg proviso li gew applikati mill-Ewwel Qorti. Kif gie diversi drabi osservat kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) l-akkoljiment o meno ta' "eccezzjoni" ibbazata fuq il-proviso in kwistjoni jew addirittura l-applikazzjoni ex officio tal-proviso mill-Qorti hu fid-diskrezzjoni ta' l-istess Qorti. "Il-Qorti la trid li jsiru kawzi kostituzzjonali bla htiega u lanqas tista' timpedixxi cittadin milli jippromwovi azzjonijiet simili meta jidher 'prima facie' li ghandu kaz serju li jista' jimplika ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem" (**Oliver Siracusa noe v. L-Onorevoli Prim Ministru noe et** - P.A. 21/1/88, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Novembru, 1989 ; ara wkoll **Alfred Balzan v. Onor. Prim Ministru et** - P.A. 28/9/90, konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991). Fi kliem iehor, id-diskrezzjoni taht iz-zewg proviso in kwistjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja, biex min-naha l-wahda il-Prim Awla kif ukoll din il-Qorti, il-Qorti Kostituzzjonali, ma jigux inondati b'kawzi li jistghu jigu determinati minn Qrati ohra u/jew bi proceduri ohra, u min-naha l-ohra c-cittadin (jew persuna guridika, skond il-kaz) ma jigix ipprivat mir-rimedji li hu ghandu dritt ghalihom taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap. 319. Dan il-hsieb gie espress bl-aktar mod car mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-5 ta' Dicembru, 1986 fil-kawza fl-ismijiet **Tonio Vella v. Kummissarju tal-Pulizija et** (deciza finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' April, 1991), fejn intqal hekk : Il-legislatur kostituzzjonali kkonferixxa lil din il-Qorti (u lil ebda persuna jew awtorita` ohra) din id-diskrezzjoni wiesgha fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja biex minn banda 'l wahda tkun tista' twaqqaf, jekk ikun hemm bzonn anke hesrem, lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali u mill-banda l-ohra tkun tista' timpedixxi li jigu kreati ostakoli bla bzonn fit-triq ta' min ikun jidher li genwinament ikun qieghed ifittex irrimedju kostituzzjonali. Il-fattispeci u c-cirkostanzi partikolari kollha tal-kaz ghandhom jigu ezaminati ghaliex b'hekk biss il-Qorti tkun tista' tasal biex tiddeciedi jekk ikunx desiderabbli li tiddeklina illi tezercita s-setghat taghha.*

*Din il-Qorti zzid tosserva li dak li l-Qorti trid tkun sodisfatta minnu hu li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrent. Il-mezz xieraq ta' rimedju irid ikun wiehed otenzjalment effettiv – cioe` wiehed li jista', jew seta` kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma tal-ksur ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi*

*b'mod li l-vittma jitqieghed fl-istatus quo ante. Kollox jiddependi, kif inghad, fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz."*

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Frar 2003 fil-kawza "**John Sammut v. Awtorita` ta` l-Ippjanar**", il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*"Skond il-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, sakemm tibqa' l-possibilita` li l-lezjoni tad-dritt fondamentali setghet kienet jew ghad tista' tigi retifikata bil-proceduri u mezzi provduti bil-ligi, ikun generalment il-kaz li din il-Qorti tiddeklina milli tezercita` s-setghat kostituzzjonali taghha. (Q.K.* ***Zahra v. Awtorita` ta' l-Ippjanar*** *31.5.99). F`kazijiet bhal dawn il-Qorti trid tara jekk ir-rikorrent ezercitax ir-rimedji kollha li taghtih il-ligi ordinarja. Il-gurisdizzjoni ta' dina l-Qorti tibda wara li r-rimedji ordinarji jkunu spiccaw u r-rikorrent ma jkollu ebda triq ohra hlief li jilmenta minn ksur ta' dritt fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropeja (Qorti Kostituzzjonali* ***Spiteri v. P.A.*** *25/6/99)"*

U kompliet hekk –

*"Il-fatt li ghemil jew nuqqas partikolari jkun jikser dritt fondamentali ma jfissirx necessarjament li l-uniku rimedju effettiv huwa dak kostituzzjonali wara procedura skond is-subartikoli (1) jew (3) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew id-disposizzjonijiet analogi tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319. Kieku kien hekk, il-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 46 tal- Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319 kienu jkunu superfluwi jew addirittura bla sens (ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament komposta, tas-7 ta' April, 2000 fl-ismijiet* ***Adel Mokhtar Al Sakalli v. Onor. Prim Ministru et*** *; kif ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti – dejjem diversament komposta – tal-31 ta' Mejju, 2000 f-lismijiet* ***Teddy Rapa v. Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar et****.) Infatti dana l-proviso addirittura jippostula ksur tad-drittijiet fondamentali ("…ghall-ksur allegat…") izda li minkejja dan "…mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli skond xi ligi…ohra…" favur il-vittma …"*

Fis-sentenza taghha tas-27 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Joseph Bellizzi et v. L-Awtorita` Marittima ta` Malta et**" il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk –

*"Illi l-principji li jirregolaw l-eccezzjoni ta' ezawriment ta' rimedji huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza nostrali b'dan li inghad li :*

*"(a) Meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali ;*

*"(b) Li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita`, ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha ;*

*"(c) M'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu ;*

*"(d) Fil-fatt in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kienux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu ;*

*"(e) In-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk seta' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minhabba l-imgieba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (P.A. (K) (VDG)* ***"Victor Bonavia v. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar et"*** *- 9 ta' Frar 2000) ;*

*"(f) L-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Q.K.* ***"Vella v. Bannister et"*** *– 7 ta' Marzu 1994 - Kollez Vol. LXXXVIII.i.48) u (Q.K.* ***"Visual & Sound Communications Ltd v. Il-Kummissarju tal-Pulizija"*** *– 12 ta' Dicembru 2002) ;*

*"(g) Meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti Kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza' s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja talkaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqqleb izjed lejn kwistjoni kostituzzjonali.*

*"(h) Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi uzata fl-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja u tohloq bilanc biex, mill-banda l-wahda, twaqqaf lil min jipprova jabbuza mill-process kostituzzjonali, u mill-banda l-ohra zzomm milli jigi mahluq xkiel bla bzonn lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (Q.K.* ***Mediterranean Film Studios Limited v. Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et"*** *– 31 ta' Ottubru 2003).*

*"Illi ghalhekk dan il-proviso mhux xi wiehed li jista' jittiehed b'mod laxk jew kapriccuz u zgur li mhux intiz biex il-Qorti tahrab mir-responsabbilta' li tiehu konjizzjoni ta' lamentela kostituzzjonali dwar allegat ksur ta' dritt fundamentali izda tfisser biss li l-Qorti ghandha l-obbligu li f'certu cirkostanzi tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-*

*persuna skond xi ligi ohra, ghaliex altrimenti tkun qeghda tagixxi ta' Qorti tat-tielet istanza – haga li tmur kontra l-ligi b'dan ghalhekk li ilment ta' natura kostituzzjoni ghandu jsir biss wara li rrimedji ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli. Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, l-Qorti m'ghandhiex tikkunsidra li tezercita l-gurisdizzjoni sakemm ma jirrizultax li dak ilpossibbli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti llanjanzi tar-rikorrent.* ***"Anton Scicluna pro et noe vs Prim Ministru"*** *(PA – 21 ta' April 1995).*

Fuq l-iskorta ta` din il-gurisprudenza, johrog bic-car illi sabiex tintlaqa` eccezzjoni bhal dik tah ezami, il-Qorti trid tkun sodisfatta li (i) mezzi xierqa ta` rimedju ghall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur ir-rikorrenti ; u (ii) li l-mezz xieraq ta` rimedju irid ikun wiehed **effettiv** – cioe` wiehed li jista`, jew seta kieku gie utilizzat, adegwatament jikkompensa lill-vittma ghal dak il-ksur, jew li altrimenti jaghmel tajjeb ghal dak il-ksur, per ezempju billi l-att leziv jigi dikjarat null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi b`mod li l-vittma jigi reintegrat fil-jeddijiet tieghu. Fil-kaz tal-lum, mill-assjem tal-provi inkluz id-dokumenti fosthom l-atti tar-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni, jirrizulta li l-proceduri gudizzjarji kienu skattaw peress li l-Awtorita` intimata kienet baghtet ittra lir-rikorrenti fejn avzathom illi in vista tal-Avviz Legali 103 tal-2011, huma kellhom jiffirmaw kuntratt gdid. L-agir ta` l-Awtorita` intimata kien imsejjes fuq ir-realta` li l-istat tad-dritt kien inbidel ghar-rigward tal-*berthing* tad-dghajjes. Per konsegwenza, din il-vertenza ma titrattax kwistjoni semplici ta` decizjoni mehuda mill-Awtorita` li qed tigi kontestata ghax ittiehdet b` mod abbuziv jew b` mod li jaghti lok ghal stharrig gudizzjarji ai termini ta` l-Artikolu 469A tal-Kap 12. Il-vertenza nholqot peress li r-rikorrenti qeghdin jikkontendu li saru vittmi ta` lezjoni da parti tal-Awtorita` li pprivathom minn dritt kwesit minghajr rimedju effettiv. Li kieku r-rikorrenti marru ghall-azzjoni skond l-Art 469A tal-Kap 12 ma kinux ser jinghataw rimedju effettiv skond dik id-disposizzjoni. Kif inhu risaput, f`kawza ghal stharrig gudizzjarju, ir-rimedji li tista` taghti l-Qorti huma limitati hafna – anke d-danni li jistghu jinghataw huma limitati b`dak li jiddisponi s-subartikolu (5) tal-Artikolu 469A. F`kawza ghal stharrig gudizzjarju il-Qorti ma tistax tissostitwixxi ruhha ghall-awtorita` responsabbli mill-eghmil amministrattiv u tordna hi l-hrug tal-licenza li l-awtorita` kompetenti tkun irrifjutat li tohrog. Huwa biss f`din is-sede, jekk ikun hekk jirrizulta, li jista` jinghata rimedju shih u effettiv bhar-*restitutio in integrum* lill-vittma ta` lezjoni ta` dritt fondamentali. Fil-kaz tal-lum propju xejn ma jzomm lil din il-Qorti li tirreintegra lir-rikorrenti fid-drittijiet li kellhom jekk issib li d-dritt li kellhom kien jammonta ghal "possediment" u jekk issib li kien hemm vjolazzjoni ta` dak id-dritt. Il-Qorti mhijiex tal-fehma li din taht ezami hija kwistjoni li ghandha tigi trattata u deciza minn qorti ta` gurisdizzjoni ordinarja izda tinvesti bis-shih materja ta` dritt fondamentali tutelat mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni. Ghalhekk qeghda **tichad** it-tieni eccezzjoni tal-Avukat Generali u tal-Ministru ghat-Trasport u Telekomunikazzjoni.

**Ikkunsidrat :**

## VI. It-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata

L-Awtorita` intimata tghid illi l-kuntratt il-gdid dwar facilitajiet ta` rmigg li, skont ir-rikorrenti, jilledi d-drittijiet kostituzzjonali taghhom, kien gie emendat sostanzjalment wara diskussjonijiet bejn l-Awtorita` u r-rikorrenti meta kien qed jigi trattat ir-rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni fl-ismijiet "*Rino Muscat Scerri et v. Transport Malta*" (Nru 514/2011 JA). Skont l-Awtorita`, il-mandat kien gie irtirat mir-rikorrenti propju ghaliex intlahaq ftehim. Ghalhekk, dejjem skont l-Awtorita`, huwa nkomprensibbli kif ir-rikorrenti jistghu issa jallegaw illi l-ftehim jilledi d-drittijiet taghhom.

Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti fil-kompetenza ordinarja taghha (**PA/MCH**) tat-13 ta` Frar 2012 fil-kawza "**Thomas Zahra et v. Joseph Cassar et**". F`dik il-kawza, kien sar verbal waqt pendenza ta` smigh ta` rikors ghall-hrug ta` mandat ta` inibizzjoni u fil-verbal ma sar l-ebda accenn mill-atturi ghal dritt kwezit tal-konvenuti.

Il-Qorti qalet hekk –

"*Wara kollox l-iskop tat-talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hu biex jigi kawtelat prima facie dritt u intiz biex id-debituri ma jiddisponux minn assi li jistghu jaghmlu tajjeb ghal kreditu.*

*Il-fatt li l-partijiet qablu li l-atturi odjerni jkomplu bix-xoghol u wara jsiru kontijiet dwar dak dovut ma ppregudikatx lil konvenuti odjerni mit-titolu kwezit. Semmai kieku rrizulta illi dak miftiehem fil-verbal tal-Qorti, sehh da parti tal-atturi, allura kien ikollhom jedd ghal hlas tieghu jew tpacija ma' dak dovut minnhom. Izda l-kwistjoni hawn quddiem il-Qorti b'din it-talba la hi ghal hlas tax-xoghol u anqas ghal tpacija izda wahda tal-import tal-verbal tal-25 ta' Jannar 2010 b'referenza ghad-dritt kwezit mill-konvenuti bl-ittra ufficjali 4416/2009.*

*L-atturi odjerni qed jargumentaw li l-verbal hu rinunzja tad-dritt kwezit mill-konvenuti. Tali rinunzja ma hix esplicita ghax ma tirrizultax mill-verbal tal-Qorti tal-25 ta' Jannar 2010 u minn ebda dokument iehor fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 10/2010 allura dak li qed jippretendu l-konvenuti hu li r-rinunzja hi wahda tacita.*

*Ir-rinunzja tacita titlob zewg elementi: Fil-kawza* ***Gauci v. MCL Ltd****, deciza minn din il-Qorti Sede Inferjuri, fl-20 ta' Ottubru, 2003, intqal hekk fir-rigward :*

*"Illi biex ikun hemm il-kunsens tacitu hemm bzonn essenzjalment ta' zewg rekwiziti, cioe' li dak li jikkonsenti jkun pjenament konsapevoli tal-vera portata u l-effetti talatt li jinghad li huwa qieghed tacitament jakkonsenti jew jaccetta, u di piu' illi l-komportament tieghu jkun tali li jkun inkonsiljabbli mal-volonta' tieghu, b'mod li l-kondotta tieghu ma tkunx tista' tigi spjegata b'mod iehor hlief li huwa accetta l-operat li ghalih ikun qed jigi allegat li akkonsenta. Din l-accettazzjoni hija ta' stretta interpretazzjoni".*

*Il-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Filati Ltd. v. Tramps Ltd.****, deciza fit-8 ta' Mejju, 2003, qalet:"ir-rinunzji huma di stretto diritto (meta ma humiex espressi) u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkoncepibbli ma konservazzjoni tad-dritt u li juru volonta` preciza ta' rinunzja. Kwindi ma jistax jigi konkluz illi jkun hemm rinunzja tacita jekk mill-provi ma jkunx hemm indizji cari u assoluti li l-volonta` tal-persuna jew persuni tbiddlet. Ghandu jsegwi minn dan ukoll li jekk l-indizzju u l-fatti jhallu dubbju dwar il-volonta` tal-persuna dan ghandu jittiehed kontra l-ezistenza tar-rinunzja". Din il-Qorti mhix konvinta illi l-konvenuti odjerni urew b'mod car u manifest illi irrinunzjaw ghat-titolu ezekuttiv favurihom ...."*

Fil-kaz tal-lum, meta tqis l-assjem tal-provi, il-Qorti ssib illi minn naha wahda r-rikorrenti jsostnu li huwa minnu li l-mandat ta` inibizzjoni kien gie cedut ghax il-kontendenti kienu waslu vicin ferm ta` ftehim, izda in segwitu gara li ma ntlahaqx qbil u ma kienx iffirmat kuntratt gdid, u min-naha l-ohra, l-intimati jinsistu fuq il-verbal li sar fl-atti tal-mandat ta` inibizzjoni fl-udjenza tas-26 ta` Mejju 2011 fejn kien dikjarat hekk : *"Il-Qorti giet infurmata li l-partijiet waslu fi ftehim fuq kollox u l-mandat ghandu jigi cedut fi zmien erbat ijiem."*

Il-Qorti rat l-atti tal-mandat u ssib illi minkejja li kienu ghaddew l-erbat ijiem li kien ssemmew fil-verbal tal-udjenza tat-30 ta` Mejju 2011, ic-cessjoni baqghet ma saritx u fis-seduta tat-30 ta` Mejju 2011, ir-rikors kien differit peress li kien intalab differiment ghax kien ghad fadal punt x`jigi diskuss. Imbaghad fis-seduta tal-1 ta` Gunju 2011 sar dan il-verbal : *"Id-difensuri tar-rikorrenti jirrilevaw li ghad li ma gietx redatta skrittura ta' tranzazzjoni opportuna, madanakollu ntlahaq ftehim, anke a bazi tal-komunikazzjoni li ghaddiet illum stess bejn il-partijiet. Ghalhekk jiddikjaraw li tant hemm rieda tajba u buona fede bejn il-partijiet li m' ghadx baqa' lok ghal dawn il-proceduri, u prezenzjalment qed icedu l-atti."*

Skond dan il-verbal, jirrizulta car illi ghalkemm kien intlahaq ftehim, ma kenitx ghadha saret skrittura ta` transazzjoni. Mix-xiehda li taw ir-rikorrenti Muscat Scerri, Attard, Dalli u Darmanin Kissaun fil-procediment tal-lum, liema xhieda baqa` ma sarilhomx kontroezami, il-ftehim baqa` ma giex iffirmat u ghalhekk marru ghall-kawza tal-lum. Ma hemmx dubju li wara l-1 ta` Gunju 2011, sehh xi fatt jew cirkostanza li kawza tieghu baqa` ma sarx il-ftehim. U l-

Qorti tghid illi ladarba si trattava ta` transazzjoni, il-forma skritta kienet rikjesta *ad validitatem*. Ladarba t-transazzjoni baqa` ma saritx bil-miktub u kienet iffirmata. U ladarba rrizulta li kuntratt baqa` ma kienx konkluz, ir-rikorrenti ma kienu bl-ebda mod prekluzi milli jinizjaw il-procediment tal-lum jekk dehrilhom li l-jeddijiet fondamentali taghhom kienu gew vjolati. Il-fatt illi kien cedut ir-rikors bit-talba ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni ma kellux il-konsegwenza li jistabilixxi li l-kontendenti kienu qablu u ftehmu dwar kollox ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Fil-kaz taghhom, il-*consensus ad idem* kellu jirrizulta mill-ftehim iffirmat li baqa` ma sarx kif jirrikonoxxu l-intimati. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-fatt li kien cedut r-rikors ghall-hrug tal-mandat ta` inibizzjoni ma jammontax necessarjament ghal rinunzja ta` azzjonijiet futuri. Huwa evidenti li r-rikorrenti kienu fiducjuzi li ser jilhqu ftehim tant li cedew il-mandat qabel ma ffirmaw il-ftehim. Izda c-cessjoni tal-atti tal-mandat f`dawk ic-cirkostanzi ma ghandhiex iddur a skapitu tar-rikorrenti fil-procediment tal-lum li huwa ghal kollox distint u separat minn dak tat-talba ghall-hrug tal-mandat. It-tieni eccezzjoni tal-Awtorita` intimata qeghda tkun michuda wkoll.

**Ikkunsidrat :**

**VII. <u>Il-mertu</u>**

**(a) "<u>Propjeta" jew "Possediment</u>"**

Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw illi kien hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali taghhom kif tutelati bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Fil-mertu, il-pern tad-difiza tal-intimati hija li d-dritt li r-rikorrenti qeghdin jippretendu li ghandhom ma jikkwalifikax bhala `*proprjeta*` jew `*possediment*`.

Minn dawn id-disposizzjonijiet, wiehed jislet tliet principji ewlenin : (a) illi hemm dritt ghat-tgawdija tal-beni ; (b) illi kull restrizzjoni tal-pussess hija soggetta kondizzjonijiet ; (c) illi l-Istat ghandu dritt illi jikkontrolla l-uzu ta` proprjeta` fl-interess pubbliku u billi jenforza dawk il-ligijiet illi jqis necessarji.

Id-dritt ghat-tgawdija tal-beni jinkludi d-dritt tal-proprjeta`. Id-dritt mhuwiex limitat biss ghal beni korporali jew tangibbli. Fil-kawza "**<u>Gasus Dosier und Fordertechnik GmbH v The Netherlands</u>**" (1995) 20 EHRR 403, il-Qorti ta` Strasbourg ("ECHR") qalet illi sabiex jikkwalifika taht Art 1 Prot 1 id-dritt jew l-interess irid ikollu valur ekonomiku jew ikun ta` natura pekunarja. Il-Qorti marret oltre l-kwistjoni ta` titolu. Id-dritt jezisti jekk ikun hemm interess illi jissarraf f` valur ekonomiku. Skond il-gurisprudenza tal-ECHR, il-frazi '*possessions*' ghandu *"an autonomous meaning which is certainly not limited*

*to ownership of physical goods ; certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights' and thus as possession for the purposes of this provision."* (The European Legal Forum (E) 7-2000/01, 437-444 : **Sebastien Drooghenbroeck** : *The concept of possessions within the meaning of Article 1 of the First Protocol to the European Convention for the Protection of Human Rights an d Fundamental Freedoms*). L-ECHR issottolineat illi *"there is no possession in an item where the link between the applicant's payment and the ultimate value of the thing is not established, so where an applicant has made contributions to a social security scheme but there is no link between the contributions and the ultimate share claimed by the applicant, this does not come within the scope of Protocol 1 Art.1 (**G v Austria (1984) 38 DR 84**) ; the same applies to contributions to pension schemes (**X v Netherlands (1972) 38 CD 9**.)*

In kwantu ghax-xenarju nostrali, din il-Qorti (**PA/TM**) fis-sentenza taghha tat-23 ta` Marzu 2012 fil-kawza "**Carmel sive Charles Camenzuli et v. Kummissarju ta` l-Artijiet et**" (mhux appellata) qalet hekk :

*"Ghalkemm Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jipprovdiniex b'definizzjoni ta' x' jikkonsisti l-kuncett ta' beni jew possedimenti, gie stabbilit, diversi drabi, li dan il-kuncett huwa interpretat b' mod wiesa'. In fatti, f' **Mellacher vs Austria** (19 December 1989), dan il-kuncett giet interpretat li ma jinkludix biss art, imma anke interessi ohra li ghandhom valur ekonomiku. Isegwi illi kull interess li ma jurix din il-karatteristika ta' valur ekonomiku, dan jeskludi awtomatikament mill-iskop jew l-applikabbilita' ta' dan l-Artikolu.*

*Skond ma tikteb Monica Carss-Frisk ('A Guide to the Impleme ntation of Article 1 of Protocol Number 1') infatti, '...the concept of what constitutes property or possessions, in article 1 of Protocol number 1 is wide … range of economic interests falls within the scope of the right to property, including movable or immovable property, tangible or intangible interests.'*

*Dan l-artikolu ma jillimitax il-protezzjoni li jhaddan lill-proprjeta' fis-sens klassiku tal-kelma, izda jestendi l-protezzjoni tieghu ghal interessi ohra."*

Fis-sentenza taghha tal-15 ta` Lulju 2013 fil-kawza "**John Vella et v. Il-Kummissarju ta' l-Artijiet et**" din il-Qorti (**PA/AE**) [pendenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali] hemm riferenza ghal decizjoni tal-ECHR tal-5 ta` Mejju 1995 fil-kawza "**Air Canada v. United Kingdom**" – App No 18465/91 fejn kien inghad hekk –

*"29. The Court recalls that Article 2 (P1-1) guarantees in substance the right of property and comprises three distinct rules. The first, which is expressed in the first sentence of the first paragraph (P1-1) and is of a general nature, lays down the principle of peaceful enjoyment of property. The second, in the second sentence of the same paragraph (P1-1), covers deprivation of possessions and makes it subject to certain conditions. The third, contained in the second*

*paragraph (P1-1), recognises that the Contracting States are entitled to control the use of property in accordance with the general interest or to secure the payment of taxes or other contributions or penalties."*

Irreferiet ukoll ghal dak illi kitbu **Jacobs, White & Ovey** fil-pag 478-479 ta` "The European Convention on Human Rights" (2010) –

*"these are not distinct rules, since the second and third rules relate to interferences with the peaceful enjoyment of possessions which may be justified in the general interest … Once it has been established that the applicant has an interest which can be classified as a possession, the general approach of the Strasbourg Court is to consider first whether there has been a deprivation of possessions, followed by considerations of whether there has been a control of the use of possessions, since these are matters specifically dealt with by the article."*

Sentenza simili (izda mhux identika) ghall-fattispeci tal-kawza tal-lum hija dik li tat il-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta` Frar 2009 fil-kawza "**Joseph Bellizzi et v. L-Awtorita' Marittima ta' Malta et**". Ghalkemm il-Qorti Kostituzzjonali rrevokat is-sentenza li tat l-Ewwel Qorti fis-6 ta` Mejju 2008, jibqghu validi r-riferenzi ta` dritt li ghamlet l-Ewwel Qorti. Inghad hekk fis-sentenza tal-Ewwel Qorti :

*"Illi fil-kaz **"Sporrong and Lonnroth v Sweden"** (1982) il-Qorti Ewropea qalet hekk :-*

*"….this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognizes that contracting states are entitled, amongst other t hings, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not 'distinct' in the sense of being unconnected with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule…." (A 52 para 61).*

*"Illi ghalhekk dan l-artikolu jipprotegi d-dritt tac-cittadin ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti tieghu izda dan id-dritt, kif jidher mill-kuntest tal-istess artikolu, ma huwiex wiehed assolut billi huwa dejjem suggett ghall-overriding public interest entro il-limiti dettati minn socjeta' demokratika. Infatti t-tehid forzuz ta' proprjeta` jew kwalsiasi possediment iehor mill-istat huwa permess jekk dan jkun fl-interess pubbliku u tali tehid ma jkunx in kontravenzjoni tal-artikolu kemm-il darba tali tehid jsir in forza ta' ligi tal-pajjiz u l-parti interessata ma tigix pregudikata billi kull dritt ghal kumpens dovut jigi*

*salvagwardat bid-dritt, lic-cittadin, li jirrikorri lill-qrati ordinarji jekk ikun il-kaz.*

*"Illi stabbiliti dawn il-principji jehtieg li din il-Qorti tara fl-ewwel lok jekk il-kelma 'possedimenti' tikkomprendix jedd ta' irmigg li fuqu tintrabat dghajsa jew ukoll l-jedd ghall-uzu ta' l-istess. "Illi din il-Qorti thoss li skond is-sentenza* ***"Giuseppe Cutajar et vs Giuseppe Cutajar et"*** *(P.A. – 27 ta' Frar 1960) li ghalkemm ma hemmx dritt ta' proprjeta` ta' irmigg ut sic meta dan qed jittratta fuq beni ta' demanju pubbliku bhal xatt il-bahar, insenaturi u spjeggi pero' jirrizulta li skond il-konswetudini l-ligi tirrikonoxxi l-akkwist ta' uzu ta' l-istess irmigg, u dan johrog minn "l-uzu notorju prevalenti fil-kuntrada msemmija bejn is-sajjieda (li kienet Wied iz-Zurrieq) li min jaghmel uzu ta' irmigg, dak l-istess marbat, jibqa' ghalih, a meno che ma jabbandunahx u li dan l-uzu ghandu jigi prottet" u fid-dawl ta' dan thoss li f'dan il-kaz ma hemm ebda dubju li dan fih innifsu huwa possediment li jikkwalika bhala dritt civili li ghandu jigi prottet dan l-artikolu.*

*"Illi dan id-dritt ta' uzu tal-marbat mertu tal-kawza odjerna gie wkoll ikkonfermat li jezisti skond is-sentenza ta' din il- Qorti fl-ismijiet* ***"Mikiel Bellizzi vs Vincenzo Bellizzi et"*** *(1970) li kienet tipprovdi li wara ftehim bejn il-partijiet fl -istess kawza gie maqbul 'li l-marbat li hemm Wied iz-Zurrieq ghandu jibqa' in komuni bejn il-kontendenti' u filfatt fl-istess sentenza tali dritt gie deskritt bhala ftehim dwar mobbli appartenenti lil kontendenti f'dik il-kawza, li kienu jinkludu missier ir-rikorrenti u missier l-intimat Saviour Bellizzi.*

*"Illi apparti dan fis-sentenza* ***"Carmelo Camilleri vs Carmelo D'Amato"*** *(P.A. (FD) – 15 ta' Ottubru 1997) gie rikonuxxut li l-uzu u l-pussess ta' marbat f'Wied iz-Zurrieq huwa suggett ghall-protezzjoni tal-Qorti, u mhux biss izda li hemm uzanza li l-uzu tal-marbat jintiret mill-missier ghall-iben. B'hekk din il-Qorti thoss li f'dan l-istess post hemm rikonoxximent ta' dritt ta' uzu ta' irmigg jew tgawdija ta' dak l-uzu b'dan li l-irmigg jibqa' ta' min juzah sakemm ma jigix abbandunat u dan l-uzu tant kien diffuz li fil-prattika stabbilixxa konswetudini tollerata mill-Gvern, u proprju din it-tolleranza ghal dan iz-zmien kollu, tat dritt lillutent ta' l-istess ghall-uzu ta' l-istess irmigg li ma jistax u ma ghandux jigi njorat kapriccosament u f'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-gurisprudenza stess tat rikonoxximent ghall-tali dritt mhux lanqas bis-sentenza taghha* ***"Giuseppe Cutajar et vs Giuseppe Cutajar"*** *(Vol. XLIV.ii.524) u dan ukoll jikkonferma s-sentenzi dwar l-istess fuq citata, li rrikonoxxew tali dritt ta' uzu ta' marbat kemm bejn partijiet u kif ukoll mill-Awtoritajiet kompetenti, jkunu min ikunu. Fil-fatt il-konswetudini hija fonti ta' dritt u dan meta jkun hemm provi li juru l-applikazzjoni konstanti u dijuturn ta' l-istess u dan certament li jimplika li l- Awtorijiet ippermettew l-uzu u r-regolamentazzjoni ta' listess bhala fatt u f'dan is-sens huwa u ghandu jigi koncepit it-terminu "tollerata minn Gvern" – allura mhux f'sens ta' prekarjeta' izda f'sens ta' nuqqas ta' opposizzjoni ghall-istess uzanza u dan partikolarment fejn bhal fil-kaz odjern ma kien hemm ebda ligi li tirregola listess. (****"William Scicluna et vs Paul Laferla"*** *(P.A. (WH) – 27 ta' Gunju 1959;* ***"Albert Mizzi nomine vs Anthony Camilleri***

***nomine"*** *(P.A. (W.H) – 3 ta' Gunju 1961);* ***"Kurunell Edgar Vella noe vs Paul Mifsud"*** *P.A (WH) – 31 ta' Jannar 1953).*

*"Illi taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li l-uzu ta' l-istess marbat huwa possediment li huwa suggett ghall-protezzjoni taht id-disposizzjoni tal-**artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea** ….. "Illi tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti thoss li gie ppruvat li d-dritt ta' uzu ta' irmigg huwa dritt li jgawdi l-protezzjoni tal-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tali dritt gie stabbilit permezz tal-konswetudini u ghalhekk permess jew licenzja ghall-irmigg ukoll tgawdi mill-istess protezzjoni, u hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"David Axiaq vs l-Awtorita` tat-Trasport et"** (P.A. (TM) – 5 ta' Mejju 2005 – Q.K. 19 ta' Gunju 2006) u fejn jirrizulta li l-kuncett ta' proprjeta` u possedimenti ghall-iskop ta' kostituzzjoni huwa iktar estensiv (**"Barbara vs Onor. Prim Ministru"** – 20 ta' Jannar 1989)."*

Da parti taghha, il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kawza ghamlet dawn l-osservazzjonijiet :

*"Huwa minnu, kif intqal hawn fuq, illi dawn l-interessi ghandhom ikunu, qabel xejn, ta' natura kummercjali, jew ahjar, ekonomika. Barra minn hekk, dawn l-interessi ghandhom juru sufficentement li huma kapaci "of being realized" u b'hekk jirrapprezentaw dik li nsejhulha "legitimate expectation" kif ser naraw aktar 'l isfel, u fl-ahharnett, dawn l-interessi legali ghandhom ukoll jimmanifestaw irwiehom u fuq kollox ikunu identifikati.*

*Il-protezzjoni ta' dan l-Artikolu tapplika biss f'kaz li wiehed jista' "lay a claim to the property concerned". Dan l-Artikolu jipprotegi dik il-proprjeta` gia` ezistenti u mhux id-dritt li wiehed jakkwista proprjeta` fil-futur. L-Artikolu 1 Protokol Numru 1, japplika biss, wiehed jista' jinnota, ghall-beni jew possedimenti li persuna diga` ghandha u li diga` qed tgawdi. Irid jigi pruvat mill-applikant quddiem il-Qorti li huwa ghandu pretensjoni legali li jezercita "property rights" – **Zwierzynski v. Poland**, 19 ta' Gunju, 2001.*

*Sabiex wiehed jitlob u jinvoka l-protezzjoni ta' dan l- Artikolu, wiehed irid ikollu forma ta' dritt li qed igawdi li, skond il-Konvenzjoni Ewropea, jigi meqjus bhala "property right"* ***– Sv. United Kingdom (1986 – Application Number 11716/85).***

*Alternattivament, sabiex "claim" tkun ikkonsiderata bhala "possession" taht Artikolu 1 Protokol Numru 1, ghandu jigi ppruvat li hemm pretensjoni legali li timmerita li tigi akkolta"*

*A legitimate expectation must be of a nature more concrete than a mere hope and be based on a legal provision or a legal act..." – **Gratzinger and Gratzingerova v. The Czech Republic (2002)**.*

*Jekk dan ma jkunx hekk, allura ma jistax jinghad li hemm "legitimate expectation". Dan ifisser illi dik it-talba trid tkun sufficcentament "established to be enforceable" –* ***case of Burdov v. Russia****, 7 ta' Mejju, 2002;* ***Timofeyen v. Russia****, 23 ta' Jannar, 2004 u* ***Stran Greek Refineries & Straits Andreadis v. Greece****, 9 ta' Dicembru, 1994. Jekk din it-talba ma tistax tkun imwettqa, allura ma tistax tigi kkwalifikata bhala "possession". Barra minn hekk, gie interpretat ukoll li "a claim" jew talba, tista' tigi kkonsidrata bhala "possession" taht dan l-Artikolu jekk huwa muri li hemm "a legal entitlement", ossia dritt legali ghall-beneficcju ekonomiku ta' dak l-individwu koncernat jew "a legitimate expectation that the entitlement will materlise" –* ***Pressos Compania Naviera S.A. v. Belgium (1995)****7 u* ***National and Provincial Building Society v. U.K. (1997)****.*

*Peress li dan l-Artikolu fil-principju tieghu jeskludi d-dritt ghall-akkwist,* ***Potocka and Others v. Poland (2000)****, huwa importanti illi kull min igib azzjoni ghall-ksur ta' dan l-Artikolu, jipproduci prima facie evidenza ta' l-ezistenza u l-validita` tat-talba tieghu jew taghha ghal dak il-beni inkwistjoni.*

*Hekk ukoll kif qalet din il-Qorti fil-kawza* ***Zammit v. Ellul Vincenti noe****, deciza fil-31 ta' Lulju, 1996, f'referenza ghall-artikolu wiehed in kwistjoni :*

*"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur id-dgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku.Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovawx li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument talallegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprivati".*

Meta tqis din il-gurisprudenza u tadattaha ghall-fattispeci tal-kaz tal-lum, il-Qorti tghid illi l-uzu ta` irmigg jikkwalifika bhala "possediment" li huwa protett mid-disposizzjonijiet fuq citati tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. L-argumenti tal-intimati huma fis-sens li hija l-Awtorita` intimata li ghandha l-funzjoni li tirregola, tikkontrolla u tmexxi 'il quddiem centri tal-jottijiet u facilitajiet marittimi f`Malta. L-intimati jsostnu li skond Reg 6 tal-Avviz Legali 71 tal-1992 kif wara emendat, il-*yachts* kellhom jormeggjaw, jankraw jew jibdlu l-irmigg f` centru ta` *yachting* kif, fejn u meta ordnati mill-Awtorita`. Per konsegwenza, hadd mill-utenti tal-*marina* ma kellu dritt ghal *berth* partikolari ghaliex seta` jigi ordnat jiccaqlaq minn irmigg ghall-iehor. Per konsegwenza, skont l-intimati, kulma kellhom ir-rikorrenti kien dritt li min juza l-yacht isib irmigg fejn jorbot id-dghajsa tieghu. Il-fehma tal-intimati mhijiex kondiviza minn din il-Qorti. Id-dritt ta` irmigg huwa interess li ghandu valur ekonomiku u kwindi jikkwalifika bhala "possediment" li jimmerita harsien fl-ambitu tad-disposizzjonijiet fuq citati.

**(b) <u>L-allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti</u>**

Ir-rikorrenti qeghdin isejsu l-allegata vjolazzjoni kommessa fil-konfront taghhom abbazi ta` dritt kwesit fis-sens illi qeghdin jikkontendu li l-agir ta` l-Awtorita` intimata qed jilledi dritt li diga` jippossjedu u li ghax hu hekk ma jistax jigi vjolat billi huwa protett mid-disposizzjonijiet fuq citati.

Fis-sentenza taghha tal-25 ta` Mejju 2007 fil-kawza "**Scicluna Enterprises (Gozo) Limited v. Enemalta Corporation**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk –

*"Fir-rigward, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell kolleggjalment komposta fit-12 ta' Mejju, 1950 fil-kawza fl-ismijiet "**Chev. Antonio Cassar Torreggiani nomine vs Nutar Dottor Vincenzo Gatt noe**" (Kollez **Vol XXXIV pl p148**) fejn gew zvolti l-principji tad-dritt transitorju f'kaz ta' ligi gdida li thassar jew temenda ohra antecedenti.*

*"Fiha ntqal bhala kumment generali illi "meta gudikant jew interpreti jigi sabiex japplika l-ligi ghall-kaz prattiku l-ewwel tfittxija u ndagini li ghandha ssir minnhom hi dik li jaraw liema ligi ghandha tigi applikata ; u din in-necessita' tidher aktar cara specjalment meta ligi gdida tigi attivata u maghmula effikaci dwar materja li qabel jew ma tkunx regolata, jew li tkun regolata mil-ligi anterjuri. Dan aktar u aktar johrog car meta jigi konsiderat illi l-materja in diskussjoni tkun tirrigwarda fattijiet kompjuti, jew li kellhom il-bidu u l-inkomincjament taghhom taht l-impenn ta' ligi antika jew anterjuri li tkun irregolathom u jipprotraw ruhhom taht il-ligi l-gdida".*

*"B'mod specifiku fiha nghad ukoll, fuq l-awtorita' ta' bosta trattisti, illi jekk il-ligi anterjuri ma tkunx giet applikata, jew ma jkunx wasal iz-zmien ghall-applikazzjoni taghha, u fl-istess hin tkun harget ligi gdida li taffettwa diversament u aktar gravement il-fatt li sar taht il-ligi precedenti, jekk ma jkunx hemm veru u proprju dritt kwezit fil-persuna effettwata, ghandha jkollha setgha l-ligi l-gdida.*

*"Dawn il-principji gew recentement approvati u sostnuti minn din il-Qorti fil-kawza "**Fava vs Mamo noe"** deciza fit- 3 ta' Ottubru, 2003......"*

*Ghar-rigward ta' x'jitqies dritt kwezit, issir riferenza ghat-teorija tal-gurista Gabba, li t-trattat tieghu "Della Retroattivita' delle Leggi", kien u ghadu jitqies bhala l-locus classicus fuq il-materja hawn investigata. Skond dan il-gurista –*

*"E' acquistato ogni diritto che :*

*"(a) e' conseguenza di un fatto idoneo a produrlo, in virtu' della legge del tempo in cui il fatto venne compiuto, benche' l'occasione di farlo valere non siasi presentata prima dell'attuazione di una legge nuova intorno al medesimo, e che*

*"(b) a termine della legge sotto l'impero della quale accade il fatto da cui trae origine, entro' immediatamente a far parte del patrimonio di chi lo ha acquistato".*

*"Minn dan isegwi li biex dritt jista' jitqies kwezit hu mehtieg li dak id-dritt ikun jifforma parti mill-partimonju ta' dik il-persuna, u dik il-persuna tkun trid akkwistat l-effett vantaggjuz indikat bil-ligi, u dak id-dritt m'ghandux jirreferi ghal "fundamental premises" ghal esistenza ta' dak id-dritt. Biex fatt jista' jaghti dritt kwezit hu mehtieg li dak il-fatt kien fait accompli. Fatt li ma johloqx fait accompli jista' jaghti lok ghal "expectation", izda mhux ghal dritt kwezit. Meta fatt ikun jehtieg diversi stadji ghal kostituzzjoni tieghu, jitqies, skond Gabba, li jezisti gia dritt kwezit meta jew dak li ghad irid isehh huwa inevitabbli u zgur jsir, jew meta dak li ghad irid isehh ghandu jitqies bhala semplici kontinwazzjoni ta' dak li hu gia fait accompli…"*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Michael Zammit et vs Joseph Ellul Vincenti noe**", moghtija fil-31 ta' Lulju, 1996, fejn intqal li bil-fatt li wiehed applika ghal licenzja u hallas u nghata ricevuta ghaliha, ma jfissirx li hu nghata l-licenzja u din dahlet fil-patrimonju tieghu ; dak li kellu r-rikorrent f'dik il-kawza kien "expectation" li jinghata l-licenzja, li hi differenti mill-licenzja nfisha."*

Il-principju huwa li fejn jezisti veru u proprju dritt kwezit kompjut taht il-ligi antecedenti, dan ghandu effikacja fih innifsu li jirrezisti ghall-applikazzjoni tal-ligi, f`kaz ta` bidla fil-ligi anterjuri.

Fis-sentenza tat-22 ta` Jannar 2014 fil-kawza "**Philip Cortis v. L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**" il-Qorti tal-Appell Inferjuri qalet hekk –

*"Dan l-appell hu wiehed gustifikat fis-sens illi t-Tribunal injora principju bazilari cioe li permess mahrug jikkostitwixxi dritt kwezit u l-izvilupp konformi mal-permess ma jistax jintmiss …It-Tribunal hu liberu illi jikkumenta dwar illegalita` jew il-fondatezza tar-raguni ghaliex inhareg permess pero` darba mahrug ma jistax jikkostitwixxi bazi sabiex permezz ta' applikazzjoni ohra, bhal ma hu f'dan il-kaz, jigi minsus dak legalment akkwistat …It-Tribunal ma setax juza l-argument li l-permessi originali ma messhomx inhargu u kwindi juza din l-applikazzjoni biex ibiddel dak gia akkwizit.*

*Id-decizjoni tat-Tribunal hi bazata kompletament fuq principju zbaljat tal-ligi u ta' dak li jikkostitwixxi permess mahrug validament u b'konsegwenza t-Tribunal skarta li jittratta l-applikazzjoni odjerna fuq il-mertu taghha a bazi ta' dak gia ezistenti qua permessi mahruga u fl-ebda hin revokati."*

Minn ezami tal-provi fil-kawza tal-lum, jirrizulta illi effettivament ghal diversi snin, ir-rikorrenti jew l-awturi fit-titolu taghhom kienu jgawdu mid-dritt li jorbtu l-*yachts* taghhom fil-*Yacht Marina* Ta` Xbiex fuq bazi permanenti. Kontra x-xiehda ta` whud mir-rikorrenti u tad-dokumenti li gabu in sostenn tat-tezi taghhom l-intimati gab 'l quddiem ix-xhieda tal-Av. Robert Vassallo u tal-Kaptan David Bugeja li ma kienux f`qaghda li jixhdu dwar x`wassal biex hargu ghall-ewwel darba r-ricevuti bil-frazi *permanent* propju ghaliex la kienu nvoluti fil-kwistjoni u lanqas kienu mpjegati tal-Awtorita` intimata. Dr Vassallo ma kienx fil-qaghda **diretta** li jixhed ghala dahlet il-kelma *permanent.* Jaf fic-cert li b`decizjoni unilaterali tal-Awtorita`, il-kelma tnehhiet u minflok dahlet il-kelma *temporary.* Kontra l-fehma tal-Awtorita`, il-Qorti hija tal-fehma li r-ricevuti bil-kelma *Contract : Permanent* kellhom it-tifsira li fissru r-rikorrenti u cioe` kienu **prova** li vis-à-vis l-Awtorita` kellhom dritt mhux semplici *"expectation"*, dritt li ma setax vjolat u skartat ghaliex l-Awtorita` kellha l-progetti jew il-pjanijiet taghha. Fir-rigward ta` l-ircevuti, l-Awtorita` sostniet li kien hemm zmien meta dawn bdew jinhargu bhala `*annual*` u pprezentat prova taghhom. Madanakollu, il-bdil unilaterali ta` l-kwalifika ghal *annual* ma jammontax ghal din il-Qorti bdil konkordat tal-ftehim. Fil-fatt ir-ricevuti baqghu l-istess u baqghu jinhargu bl-istess mod. Skond George Smith – li baqa` ma giex sottopost ghal kontroezami u lanqas li qal kien kontradett - meta staqsa lill-ufficjali ta` l-Awtorita` ghala sar bdil fil-kelma, l-ispjegazzjoni li nghata kien li dik kienet materja ta` amministazzjoni u li ma kien inbidel xejn. Mill-komportament tar-rikorrenti, il-Qorti ma ssibx li huma accettaw il-bdil tal-frazi b`mod li rrinunzjaw ghad-dritt kwezit li kellhom.

Da parti taghha, l-Awtorita` intimata tressaq l-argument illi fir-rigward tal-*policy* li kienet tghodd ghal dak iz-zmien, l-Awtorita` Marittima ta` Malta kienet l-entita` responsabbli dak iz-zmien li nhargu l-permessi u dik l-Awtorita` qatt ma kellha s-setgha li taghti b` mod permanenti uzu ta` irmigg ; skond l-intimata, is-sinjifikat tal-kelma `*permanent*` kien intiz biex jiddistingwi l-uzu minn `*seasonal*`. Dan huwa li xehed Av. Robert Vassallo. Ghar-ragunijiet li l-Qorti ssenjalat qabel, dak mistqarr minn Dr Vassallo mhuwiex prova ta` fatt izda ezercizzju ta` interpretazzjoni ta` *modus operandi.* Ma tressaq l-ebda xhud li fl-Awtorita` Marittima ta` Malta kien direttament involut fit-tfassil tar-ricevuta bil-kelma *permanent.* Mhux biss izda ma tressaq l-ebda memo intern bil-miktub bhala prova ta` ghala inkitbet il-frazi *contract : permanent. Per dire il meno* il-kelma *permanent* abbinata mal-kelma *contract* huwa binomju qawwi li ma jistax jitqieghed fuq l-istess livell bhal *annual* ; propju *tutt`altro cielo.* Il-kelma *permanent* hija car u inekwivoka.

Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba r-rikorrenti kienu ilhom is-snin igawdu mill-uzu ta` irmigg, kienu ilhom snin twal ihallsu regolarment il-mizata, u fir-ricevuti li kienet taghtihom l-intimata kienet tiddikjara li l-kuntratt li kellha maghhom kien *permanent* huma kellhom dritt kwezit li kien jimmerita harsien. Il-fatt li l-Awtorita` bidlet il-*policies* taghha dak setghet taghmlu bla ma twarrab fil-genb, tiskarta jew tinjora ghal kollox d-drittijiet li r-rikorrenti diga` kellhom

fil-konfront taghha. Fil-fehma ta` l-Qorti, bil-pretiza ta` l-Awtorita` intimata li r-rikorrenti kellhom *jinsew* ghal kollox li kellhom *contract : permanent* u jaccettaw minflok li maghhom ikollha kuntratt li jiggedded min sena ghal sena, ma hemmx dubju li l-posizzjoni tar-rikorrenti kienet sejra tigi ppregudikata, peress li dritt fis-sens protett gelosament mill-Art 37 tal-Kostituzzjoni u tal-Art 1 Prot 1 tal-Konvenzjoni kien ser ikun ivvjolat. Bil-pretiza tal-Awtorita` li r-rikorrenti kellhom jiffirmaw il-kuntratt "il-gdid" id-dritt li kellhom diga` r-rikorrenti *would have been thrown overboard* – biex il-Qorti "tissellef" ftit mil-lingwagg marittimu.

L-Awtorita` taghmel riferenza ghas-sentenzi "**White Wave Limited v. Awtorita` Marittima ta` Malta**" deciza minn din il-Qorti fit-2 ta` Dicembru 2004 u "**Emanuel Gatt et vs Awtorita` Marittima ta` Malta**" deciza wkoll minn din il-Qorti fis-7 ta` Lulju 2004. Il-Qorti ezaminat bir-reqqa dawn id-decizjonijiet izda ma tarax li dawn ghandhom japplikaw ghall-fatti partikolari ta` dan il-kaz. Infatti fl-ewwel kawza, il-kwistjoni giet investigata minn lenti ta` azzjoni ta` spoll. F`dak il-kaz il-Qorti ddecidiet li l-attrici ma gietx imnezza` mit-tgawdija li kellha de facto, ossija dik li ssib rmigg fl-Imgarr, ghaliex ghalkemm ma ntbaghtitx biex torbot fil-*berth* tas-soltu, instabilha *berth* iehor. Ghalhekk, skond il-Qorti ma kienx hemm spoll minn dak li l-attrici kellha t-tgawdija tieghu. Fil-fehma ta` din il-Qorti, din id-decizjoni assolutament ma tikkoraborax it-tezi ta` l-intimati u l-insenjamenti kontenuti fl-istess sentenza huma biss sinjifikattivi in vista ta` l-elementi rikjesti ghal success ta` azzjoni ta` spoll u xejn aktar. Fit-tieni kawza, irrizulta li b`allokazzjoni permanenti, l-Awtorita` Marittima ma kenitx qed tifhem li s-sid tal-yacht kien marbut permanentement li juza l-*berth*, izda li kien jigri hu li meta jasal iz-zmien tal-hlas, johorgu invoice u jekk isir il-hlas relattiv, il-*berth* kienet tiggeddidlu awtomatikament. In vista ta` tali xiehda moghtija mill-Awtorita` Marittima, ossija dik l-entita` li kienet aktar involuta fil-permessi ta` qabel milli l-awtorita` intimata odjerna, il-Qorti kkonkludiet li s-sid tal-yacht jidher li ma kienx marbut li jiggedded il-kirja u seta`, meta jrid, jittermina l-uzu tal-*berth* billi ma jhallasx it-tariffa relattiva meta tigi biex tiggedded. Ghalhekk, dik il-Qorti kkonkludiet li dan kien ftehim monk li ma jistax jitqies legali peress li jitfa` impediment irragonevoli fuq il-parti l-ohra u jistultifika l-presuppost fondamentali ta` kull ftehim kommutattiv.

Fil-kaz tal-lum, ma ngabet l-ebda prova mill-Awtorita` li kienet effettivament involuta fil-hrug ta` r-ricevuti u permessi mertu ta` dan il-kaz, precizament l-Awtorita` Marittima ta` Malta biex jigi spjegat x`kien jigri. Il-Qorti m`ghandhiex fil-kaz tal-lum provi bhal ma kien hemm fil-kawza ta` *Gatt.* Il-Qorti ma tista` tassumi xejn ; lanqas ma tista` tikkonkludi xejn. U hija prekluza milli tittrasporta b`ghajnejha maghluqa l-fatti u c-cirkostanzi tal-kawza ta` *Gatt* ghall-kaz tal-lum meta ma hemmx il-prova li l-Qorti accennat ghaliha. Fil-kaz tal-lum, ma nghatat l-ebda informazzjoni dwar ghalfejn l-allokazzjoni kienet titqies permanenti. Kuntrarjament ghal dak li gie sostnut fil-kawza ta` *Gatt* fejn intqal li l-allokazzjoni kienet titqies permanenti ghax l-ammont li jithallas ikun ikkalkolat b` mod annwali (xieha ta` John Farrugia), fil-

kaz tal-lum kulma ma inghatat kienet interpretazzjoni tal-kelma `*permanenti*` biex tkun distinta minn `*seasonal*`. Ladarba l-Qorti ma ghandhiex l-istess provi hekk migbura quddiem il-kawza ta` *Gatt*, hija ma tistax tasal ghall-istess konkluzjoni illi l-unika rabta kontrattwali li kien hemm bejn il-kontendenti tkopri z-zmien li ghalih is-sidien ihallsu u l-Awtorita` taccetta l-hlas tat-tariffa relattiva u li skadut dak it-termimu, iz-zewg partijiet kienu liberi li jirrinovaw jew jikkuntrattaw mill-gdid a scelta ta` kull wahda mill-partijiet.

L-Awtorita` intimata lanqas ma ssib sostenn fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, li ghaliha gia` saret referenza precedentement minn din il-Qorti, precizament il-kawza fl-ismijiet "**<u>Joseph u Marianne Bellizzi et vs L-Awtorita` Marittima ta` Malta et</u>".** F`dik il-kawza**,** il-Qorti Kostituzzjonali ma qablitx ma` dak li kien deciz mill-Ewwel Qorti peress li sabet li f` dak il-kaz, ir-rikorrenti ma kellux drittijiet ta` irmigg. Il-Qorti Kostituzzjonali bl-ebda mod ma sostniet li l-fakolta li wiehed jorbot mal-irmigg mhuwiex *"possediment"* protett bl-Art 1 Prot 1 izda sabet (i) li r-rikorrenti qatt ma kellu dritt ghall-irmigg li kien qed jilmenta li ma hax ; (ii) li l-Qorti f`sede kostituzzjonali ma kellhiex il-fakolta` u l-poter tinvestiga u tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandux jew le dritt ghall-irmigg u (iii) li l-uzu li r-rikorrent kien qed jaghmel mill-irmigg ma kienx qed jaghtih xi dritt tutelabbli fil-konfront ta` l-Awtorita` intimata, peress li dak li sehh bejn il-familja Bellizzi hu tutelabbli fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta` bejniethom, izda mhux versu l-Awtorita` kompetenti biex tirregola l-irmiggi. Il-kaz tal-familja Bellizzi ghandu min-natura ta` arrangamenti li soltu jaghmlu gabillotti dwar l-uzu tal-ghelieqi koncessi lilhom b`titolu ta` qbiela. Kienu ghalhekk dawn uhud mir-ragunijiet ghalfejn kienet revokata s-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fil-kaz tal-lum, assolutament mhuwiex il-kaz li r-rikorrenti ma ghandhomx dritt ghall-irmigg u ghalhekk, certament li l-kriterji adoperati f`*Bellizzi* ma jistghux jigu applikati ghall-kaz odjern. Kif tajjeb issottolineat l-Ewwel Qorti :

*"Din il-Qorti trid ticcara li hi mhix qed tghid li min ikun inhariglu permess jew licenzja ghal negozju, dan irid jigi mgedded bil-fors, izda li la darba hareg permess, biex dan ma jigix mgedded, irid jirrizulta jew li l-proprjetarju naqas li jottempera ruhu ma' xi ligi, jew in forza ta' xi policiesufficjali li jkunu cari, definittivi u applikabbli ghall-materja, u dejjem wara li jigu segwiti l-principji ta' gustizzja naturali. Altrimenti, licenzja ma tistax titnehha jew ma tigix imgedda bl-addocc, ghax kull min hu titolar ta' permess jew licenzja ghandu dritt jistenna li, ceteris paribus, il-licenzja tieghu tigi mgedda."*

Is-sitwazzjoni fil-kawza odjerna hija propju din. Ghalhekk kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti.

**Ikkunsidrat :**

## VIII. Ir-rimedju

Fir-rikors taghhom, ir-rikorrenti sosntew li huma ser jigu ppregudikati peress li (i) mhux ser jibqghalhom dritt permanenti, izda ser ikun ristrett ghal sena ; (ii) il-*berthing fees* ser jizdiedu sporporzjonatatament skond l-iskeda annessa mal-istess kuntratt ; u (iii) skond klawsola 4.2 tal-kuntratt, l-awtorita` marittima qed tirrizerva favur taghha li tgholli l-*berthing fees* skond kif jidhrilha.

Fil-fehma ta` din il-Qorti, ir-rimedju li ghandu jinghata lir-rikorrenti huwa li d-dritt ta` irmigg ma jigix ristrett ghal sena izda jibqa` kif kien, ossija permanenti. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar l-awment fil-*berthing fees* u r-riserva li l-*berthing fees* jistghu jigu awmentati skond decizjoni ta` l-Awtorita` intimata, din il-Qorti tirrileva li tul il-medda taz-zmien, it-tariffi dejjem gew awmentati kif deltronde jidher car mill-emendi li saru fl-iskeda annessa mal-legislazzjoni sussidjarja 352.10. Il-fatt li t-tariffa kienet ser tigi awmentata ma jistax jigi kkunsidrat bhala leziv tad-dritt kwezit appartenenti lir-rikorrenti. Id-dritt kwezit li ghandhom ir-rikorrenti huwa d-dritt ghal irmigg f`*yacht marina* b`mod permanenti u mhux dritt li jhallsu ghal tali dritt b`mizata partikolari. Ir-rikorrenti ghandhom dritt li jgawdu l-uzu ta` irmigg b` mod permanenti izda ma jistghux jippretendu li dan jaghmluh minghajr ma jkun hemm awment fit-tariffi. Ma jistghux ir-rikorrenti jippretendu li t-tariffi jibqghu l-istess.

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tillibera lill-Ministru ghat-Trasport, Infrastruttura u Kommunikazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat Avukat Generali u tal-intimata Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta.**

**Tiddikjara illi bid-decizjoni tal-intimata Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta illi unilateralment thassar id-drittijiet akkwiziti li kienu jgawdu r-rikorrenti fl-uzu tal-irmigg ghall-*yachts* taghhom fil-*Yacht Marina* Ta` Xbiex meta minn kuntratt permanenti nbidlu ghal kuntratt ghal sena hija kkommettiet ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif dawk**

**il-jeddijiet huma protetti bl-Art 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali.**

**Tordna lill-intimata Awtorita` Ghat-Trasport f`Malta sabiex tirrikonoxxi, tirrispetta u twettaq mill-gdid id-drittijiet li kellhom ir-rikorrenti fl-uzu tal-irmigg ghall-*yachts* taghhom fil-*Yacht Marina* Ta` Xbiex qabel hadet id-decizjoni li minn kuntratt permanenti li kellhom taghtihom kuntratt ghal sena billi b`mod prattiku u ragonevoli taghti lura lir-rikorrenti d-dritt ghall-irmigg fil-*Yacht Marina* Ta` Xbiex li ghandu jkun permanenti u ndefinit bil-kondizzjoni li jibqa` jithallas lill-Awtorita` intimata dritt ta` mizata ghall-uzu tal-irmigg, liema dritt ta` mizata l-Awtorita` intimata jkollha dritt taggorna b`mod ragonevoli minn zmien ghal zmien.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba.**

**Bl-applikazzjoni tal-Art 223(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, tordna lil kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------